Nru. 24

Dikjarazzjoni ta' Trasmissjoni Causa Mortis

Insinwat: 13/03/2012

Illum, sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).

Quddiemi Dottor Maria Buckle, Nutar Pubbliku, dehru personalment wara li zgurajt l-identita taghhom bis-sahha tad-dokumenti ufficjali aktar 'il quddiem indikati:-

Ritienne Gatt, xebba, bint il-mejjet Joseph u Helen Bonello, imwieled Pieta u residenti numru dsatax (19), 'Capricorn Flats', appartament numru tnejn (2), Triq ir-Rebha, Gzira, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 49784M;

Stephen Gatt, impjegat, bin il-mejjet Joseph u Helen Bonello, imwieled Pieta u residenti numru dsatax (19), 'Capricorn Flats', appartament numru wiehed (1), Triq ir-Rebha, Gzira, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 225290M;

aktar 'il quddiem fuq dana l-att jissejhu l-"Werrieta".

Fl-ewwel parti ta` dana l-att il-Werrieta jiddikjaraw u jappremettu dan li gej:

a) Joseph Gatt, aktar 'il quddiem fuq dana l-att jissejjah id-"Decujus", legalment separat minn Helen Bonello, bin il-mejtin Arthur u Rosaria, nee` Muscat, imwieled il-Marsa u gja residenti Gzira, u li kellu l-karta ta` l-identita` numru 102153M, miet gewwa Tal-Qroqq limiti ta` l-Imsida fis-sitta u ghoxrin (26) ta` Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011);

b) Mir-ricerki testamentarji mahruga mir-Registru Pubbliku u mil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), jirrizulta li d-Decujus halla l-ahhar testment tiegh tal-atti tan-Nutar Dottor Marse Burlo', dwar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003);

c) Permezz ta` l-imsemmi testment id-Decujus:

i. Hassar u rrevoka ghal kollox u f'kollox kwalunkwe testment iehor li setgha ghamel qabel l-imsemmi testment u ordna li s-successjoni tieghu tigi regolata biss b'dan l-imsemmi testment;

Arkivre Arkivre

ii. Innomina bhala eredi universali, padruni assoluti ta` l-assi ereditarji kollha tieghu lil uliedu miz-zwieg tieghu ma` l-imsemmija Helen Bonello, u cioe` Ritienne u Stephen, ahwa Gatt fi kwoti ndaqs bejniethom.

Dana premess u dikjarat il-Werrieta gew ghal dana l-att sabiex jaghmlu d-dikjarazzjoni tal-proprjeta` taxxabbli li ddevolviet fuqhom bil-mewt tad-Decujus, u dan a termini ta` l-Artikolu tlieta uq tletin (33) ta` Kapitlu numru tlett mija erbgha u sittin (364) tal-Ligijiet ta` Malta.

Arkivre Arkivre

Ghaldaqstant il-Werrieta jiddikjaraw li l-proprjeta` taxxabbli li ddevolviet fuqhom bis-sahha tal-causa mortis tal-lum tikkonsisti fis-segwenti:-

- L-appartament internament markat bin-numru wiehed (1), formanti parti minn blokk ta` erba` (4) appartamenti, liema blokk igib in-numru dsatax (19) u ghandu l-isem 'Capricorn Flats', fi Triq ir-Rebha, Gzira, liberu u frank, flimkien ma` kawrt (1/4) indiviz tal-partijiet komuni kollha tal-blokk, inkluza l-arja sovrastanti, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, aktar 'il quddiem fuq dana l-att jissejjah l-"Appartament". Il-Werrieta qeghdin jiddikjaraw fuq dana l-att illi qeghdin jatribwixxu l-valur ta` mija u hamest elef Ewro (€105,000) ghall-Appartament;

Arkivre Arkivre

- Il-garage minghajr l-arja tieghu, minghajr numru pero` internament markat bin-numru hdax (11), accessibbli minn rampa bla numru u bla isem li taghti fuq Triq Clare E. Engel, Ta` Giorni, limiti ta` San Giljan, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta` hames Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€5.82), u bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tieghu, aktar 'il quddiem fuq dana l-att jissejja il-"Garage". Il-Werrieta qeghdin jiddikjaraw fuq dana l-att illi qeghdin jatribwixxu l-valur ta` tmintax-il elf Ewro (€18,000) ghall-Garage.

Arkivre Arkivre

Ghall-finijiet tal-precitat Kapitlu tlett mija erbgha u sittin (364) qieghed jigi dikjarat minni Nutar sottiffirmata illi:-

a) jiena wissejt lill-Werrieta bl-importanza tal-veracita` tad-dikjarazzjoni estimativa taghhom, u wara din it-twissija huma ddikjaraw li l-valuri fuq stabiliti huma gusti u reali;